

32005D0819

L 305/40

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

24.11.2005

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tal-21 ta' Novembru 2005****li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja li tuża ċerti stimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi ta' riżorsi proprji tal-VAT***(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 4429)***(It-test Litwan biss huwa awtentiku)***(2005/819/KE)*

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa fuq il-valur miżjud <sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 13 tiegħu, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 807/2003,

Billi:

- (1) Taħt l-Artikolu 28(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima <sup>(2)</sup>, minn hawn 'il quddiem imsejħa "is-sitt Direttiva", l-Istati Membri jistgħu jissoktaw jeżentaw jew jintaxxaw ċerti tranżazzjonijiet; dawn it-tranżazzjonijiet għandhom jitqiesu fil-kalkolu tal-bażi ta' riżorsi tal-VAT;
- (2) Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 28(3) tas-sitt Direttiva, il-paragrafu 1 tat-Taqsim 8 (Tassazzjoni) ta' l-Anness IX ta' l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Litwanja fil-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup> jawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja li teżenta ċerti tranżazzjonijiet elenkati fl-Anness F tas-sitt Direttiva;
- (3) Ir-Repubblika tal-Litwanja ma tistax tagħmel kalkolu preċiż tal-bażi ta' riżorsi proprji tal-VAT għal ċerti kategoriji ta' tranżazzjonijiet elenkati fl-Anness F tas-sitt Direttiva; dan il-kalkolu x'aktarx jinvolvi piż amministrattiv mhux

ġustifikat meta mqabbel ma' l-effett ta' dawn it-tranżazzjonijiet fuq il-bażi ta' riżorsi proprji tal-VAT totali tar-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Litwanja għandha għaldaqstant, skond l-Artikolu 6(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89, tiġi awtorizzata tikkalkula l-bażi tal-VAT billi tuża stimi approssimattivi;

- (4) Il-Kumitat ta' Konsultazzjoni dwar ir-Riżorsi Proprji approva r-rapport li jirreġistra l-opinjoni tal-membri tiegħu dwar din id-Deċiżjoni;

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-iskop ta' kalkolu tal-bażi ta' riżorsi proprji tal-VAT mill-1 ta' Mejju 2004, ir-Repubblika tal-Litwanja hija awtorizzata, skond it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 6(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89, li tuża stimi approssimattivi fir-rigward tal-parti domestika tat-trasport tal-passiġġieri internazzjonali (l-Anness F, punt 17 tas-sitt Direttiva).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja.

Magħmul fi Brussell, nhar il-21 ta' Novembru 2005.

*Għall-Kummissjoni*  
Dalia GRYBAUSKAITE  
*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9. Regolament hekk kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36).

<sup>(2)</sup> ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1. Direttiva hekk kif emendata bid-Direttiva 2004/66/KE (ĠU L 168, 1.5.2004, p. 35).

<sup>(3)</sup> ĠU L 236, 23.9.2003, p. 842.